SANNAT

Minuti tad-disa' u tletin laqgħa li saret b'urġenza tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Diċembru, 2011 fis-7.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1. Approvazzjoni ta' Interim Payment għall-Kostruzzjoni tal-Recreational Area tad - Daħla taċ-Ċnus**

1959 Din il-laqgħa ssejħet b'urġenza sabiex jiġi approvat l-ħlas ta' parti mix-xogħol li sar fil-Recreational Area ta' Daħla taċ-Ċnus. B'hekk jkun jista' jsir interim payment u interim claim tax-xogħol ta' kostruzzjoni li sar s' issa. Fl-istess ħin għandha tintalab estensjoni sal 20 ta' Diċembru 2011 lil Eco-gozo sabiex jitlesta x-xogħol kollu tal-proġett. Il-Kunsill approva l-ħlas ta' €17,368 lil Gatt Tarmac Ltd. bil-5% tal-Contract Management Fee ġa mnaqqsa.

**Item 2. Ftuq ta' Kwotazzjonijiet.**

1960 Infetħu l-kwotazzjonijiet għat-tiżjin tal-Milied. Dawn kienu:

**Kwotazzjoni Nru. 08/2010**

**Kwotazzjoni għat-tiżjin tal-Milied fi Triq Sannat u l-Pjazza Santa Margarita f' Ta' Sannat.**

| **Nru.** | **Kuntrattur** | **Ammont** € |
|---|---|---|
| 1. | Peter Azzopardi | 1,929.30 |
| 2. | Michael Bugeja | 995.00 |

| | | |
|---|---|---|
| 3. | Chris Gauci | 910.00 |

Il-Kunsill għażel dik ta' Michael Bugeja għar-raġuni li dan qal li l-Enemalta meter (€130) ser ikun b'xejn.

1961 Infetħu l-kwotazzjonijiet għad-disinn, manifattura u twaħħil tal-Mappa fil-Lokalita'.

**Kwotazzjoni Nru. 09/2010**

**Kwotazzjoni għad-disinn, manifattura u twaħħil ta' mappa tal-lokalita' f'Ta' Sannat**

| **Nru.** | **Kuntrattur** | **Ammont** € |
|---|---|---|
| 1. | Rapheal Refalo | 601.80 |

Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni ta' Rapheal Refalo li kienet tikkonsisti fl-aluminium, board bid-dawl u stampar.

1962 Infetħu l-kwotazzjkonijiet għat-transport u servizz ta' childminder għat-tfal tal-Iskola Primarja ta' Sannat wara nofs inhar.

**Kwotazzjoni Nru. 10/2010**

**Kwotazzjoni għat-Transport u servizz ta' Childminder għat-tfal tal-Iskola Primarja ta' Sannat.**

| **Nru.** | **Kuntrattur** | **Ammont** € |
|---|---|---|
| 1. | Manuel Tabone | 13.85 |

Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni tas-Sur Manuel Tabone. Dan is-servizz għandu jibda wara l-vaġanzi tal-Milied.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.35 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-12 ta' Diċembru 2011 fis-6.00 p.m.

Arthur Bajada — Philip Vella

Segretarju Eżekuttiv — Sindku